# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 14 – 4 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 12 ta' Jannar 2023**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv fi 28 Ċentru Parrokkjali, Triq San Edwardu, Ħal Qormi, u b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Kunsillier Marsaskala | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Sindku Santa Luċija | Is-Sa Charmaine St John |
| Sindku Ħal Luqa | Is-Sur John Schembri |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Deputat President/Sindku Gudja | Is-Sa Marija Sara Vella Gafà |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Sindku Marsa | Is-Sur Josef Azzopardi |
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Stephen Sultana |
| Sindku Żejtun | Is-Sa Doris Abela |
| Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |

ASSENTI

| | |
|---|---|
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 14.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

14.1.1 Il-President qara ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sindku tal-Ħamrun fejn ta r-raġuni li għaliha ma setax jattendi.

14.1.2 Il-Membri preżenti approvaw l-apoloġija b'mod unanimu.

## 14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

14.2.1 Il-President ressaq il-Minuti tat-tlettax-il (13) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġiżlatura, li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant, ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

14.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Sa Marija Sara Vella Gafà u ssekondata mis-Sur Steven Grech, il-Membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

## 14.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Reġjun Kulturali 2023**

14.3.1 Il-President qal li kollox jinsab lest għaċ-ċerimonja li se tkun qed tiftaħ is-sena tar-Reġjun Kulturali 2023 fejn se jiġi mniedi l-logo uffiċjali u jiġi varat il-programm tal-attivitajiet. Iċ-ċerimonja se ssir fil-Kappella ta' Bir Miftuħ fit-13 ta' Jannar 2023. Il-preparamenti jinsabu lesti wkoll għall-ewwel attività li se tkun qed tittella' l-għada stess fit-teatru ta' San Vinċenz De Paule u li se tkun dramm mużikali bl-isem ta' Sebħ in-Nofsinhar. Id-dramm mużikali se jagħti ħarsa ħafifa lejn il-lokalitajiet kollha fir-reġjun u se jkollu wkoll aspetti komiċi li se jolqtu l-udjenza kollha li se tkun qed tattendi. Il-President ħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali sabiex iħeġġu lir-residenti jattendu u jipparteċipaw fl-attivitajiet kollha li se jkunu qed jiġu organizzati matul din is-sena b'rabta mar-Reġjun Kulturali.

**- L-ewwel edizzjoni tas-Southern Region Local Council's race**

14.3.2 Il-President irrefera għal din l-attività li se tkun tinvolvi tiġrijia minn tnax-il żiemel tal-ewwel kategorija fejn kull żiemel se jkun qed jirrappreżenta Kunsill Lokali mir-reġjun. Din l-attività se tkun finanzjata mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali. Fit-18 u d-19 ta' Frar se jkunu qed jikkwalifikaw it-tnax-il żiemel. Fil-21 ta' Frar se ssir il-konferenza stampa li tniedi l-attività fil-preżenza tal-Ministru, is-Segretarju Parlamentari u s-Sindki tal-lokalitajiet fir-reġjun. Fil-5 ta' Marzu se tkun qed tittella' t-tiġrija u l-Kunsilli Lokali huma mitluba jħeġġu lir-residenti jitilgħu l-korsa sabiex jissapportjaw liż-żiemel li se jkun qed jirrappreżenta lil-lokalità tagħhom.

**- Skema Proġetti fil-Komunità 2023**

14.3.3 Il-President semma' kif fil-jiem li għaddew il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar ġie mgħarraf li l-applikazzjoni tiegħu li ġiet sottomessa sabiex jibbenefika mill-Iskema Proġetti fil-Komunità 2023 li hi finanzjata mill-Aġenzija LESA ġiet aċċettata. L-applikazzjoni tinvolvi xiri ta' vettura elettrika ġdida għall-użu tal-komunità. Fil-jiem li ġejjin, il-maniġer ambjentali se jkun qed jaħdem fuq id-dokument tat-tender għax-xiri ta' din il-vettura.

## 14.4 Skeda ta' Pagamenti;

14.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 01/23A u 01/23B li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

14.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Charlot Mifsud u ssekondata mis-Sur John Schembri, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

## 14.5 Kuntratt tal-Ġbir tal-Iskart Domestiku fuq Bażi Reġjonali;

14.5.1 Il-President semma' li mill-indikazzjonijiet li ngħata, jidher li matul l-ewwel ġimgħa bis-servizz il-ġdid tal-ġbir tal-iskart, kien hemm żieda sostanzjali fil-ġbir tal-iskart organiku u riċiklabbli u tnaqqis fil-vjaġġi mill-vetturi li jġorru l-iskart. Minkejja dan, hemm numru ta' lmenti li qed jidħlu, l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam ma skart minn quddiem stabbilimenti kummerċjali li mhux qed jinġabar. Qed issir ħidma biex din is-sitwazzjoni tiġi solvuta. Hu fakkar li lmenti mir-residenti għandhom jiġu trattati mill-Kunsilli Lokali billi jikkuntattjaw lill-uffiċċju tal-customer care tal-kuntrattur. Lista bl-ilmenti li jkunu daħlu għandha tintbagħat mill-Kunsilli lokali lill-Kunsill Reġjonali. S'issa jidher li l-kuntrattur qed jikkoopera mal-Kunsilli Lokali u mal-Kunsill Reġjonali u qiegħed jieħu azzjoni kull meta jidħollu xi lment.

13.5.2 Il-President qal lill-membri preżenti li jekk irridu li dan is-servizz ikun ta' suċċess, irridu naħdmu flimkien. Hu qal li qed isiru laqgħat kontinwi mal-awtoritajiet konċernati u mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex jitjieb is-servizz u jitnaqqsu l-ilmenti. Il-President qal li l-Kunsilli Lokali għandhom jibagħtu lill-Kunsill Reġjonali lista bl-ismijiet tal-istabbilimenti kummerċjali (ristoranti, lukandi u żoni industrijali esklużi) u l-ismijiet tat-toroq li jinsabu fihom li mhux qed jinqdew mill-kuntrattur, ħalli jinstabu modi oħra għall-ġbir ta' dan l-iskart sakemm tinstab soluzzjoni. Hu qal li se jibda eżerċizzju mill-awtoritajiet li se jkun qed iwassal għal aktar infurzar fost ir-residenti.

## 14.6 Kuntratt għal Servizz ta' Accountant tal-Kunsill Reġjonali;

14.6.1 Il-President qal li l-bord tal-evalwaturi għalqu l-proċess tal-evalwazzjoni u s-Sectoral Procurement Department approva r-rapport. Ir-rapport jinsab imtella' fuq is-sistema tal-ePPS u bħalissa l-proċess jinsab wieqaf sakem jgħaddi l-perjodu fejn jistgħu jiġu mressqa appelli. Wieħed jittama li sal-aħħar ta' Jannar il-Kunsill Reġjonali jkollu l-kuntratt iffirmat mal-Accountant magħżul mill-bord.

## 14.7 Draft tal-Estimi Annwali;

14.7.1 Il-President ressaq draft tal-Estimi Annwali għas-sena 2023. Hu semma' kif l-allokazzjoni finanzjarja għal din is-sena se tkun ta' 583,333 ewro u mhu se tkun qed tingħata l-ebda żieda addizzjonali għas-salarji tal-maniġers reġjonali kif ġara s-sena ta' qabel. Dan se jkun qed ipoġġi lill-Kunsill Reġjonali f'pożizzjoni diffiċli għax ma jistax joħroġ b'inizjattivi u proġetti ġodda. In-nefqa għal din is-sena se tkopri biss is-salarji u spejjeż marbuta mal-amministrazzjoni u l-manutenzjoni. Il-President ressaq id-draft tal-estimi annwali bid-dettalji ta' kif se jkunu mqassma l-finanzi għal din is-sena. Hu qal li hekk kif jiġi affettwat il-kuntratt mal-accountant, jitressqu għall-approvazzjoni l-budget u l-pjan ta' ħidma għall-ħames snin li ġejjin kif stipulat skont il-proċeduri.

## 14.8 Affarijiet Oħra;

**- Tiġdid ta' kuntratti**

14.8.1 Il-President qal li l-kuntratt għal servizz ta' handyman u l-kuntratt għal servizz ta' IT support and maintenance waslu biex jiġu mġedda għat-tieni sena tagħhom u skont il-kuntratt, dawn jistgħu jiġu mġedda sa massimu ta' erba' snin. Hu talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

14.8.2 Il-Membri preżenti approvaw it-tiġdid tal-kuntratti b'mod unanimu.

**- Quarterly Financial Report Jan-Dec 2022;**

14.8.3 Il-President ressaq il-Quarterly financial report tal-aħħar kwart tas-sena li għada kif intemmet. Hu ta spjega tiegħu u talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

14.8.4 Il-Membri preżenti approvaw ir-rapport finanzjarju b'mod unanimu.

**- Performance appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv;**

14.8.5 Il-President ressaq id-dokument tal-performance appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv. Hu ta spjega tad-dokument u ppropona li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-massimu tal-persentaġġ tal-allowance għar-raġuni li qabeż l-aspettazzjonijiet tal-Kunsill Reġjonali. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

14.8.6 Il-Membri preżenti approvaw il-performance appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv b'mod unanimu.

**- Performance appraisals tal-membri tal-istaff;**

14.8.7 Il-President ressaq id-dokumenti tal-performance appraisal tal-membri tal-istaff tal-Kunsill Reġjonali. Hu ta spjega tad-dokumenti u ppropona li l-membri tal-istaff kollha jingħataw il-massimu tal-persentaġġ tal-allowance għax kollha qabżu l-aspettattivi tal-Kunsill Reġjonali. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

14.8.8 Il-Membri preżenti approvaw il-performance appraisals tal-membri tal-istaff b'mod unanimu.

14.8.9 Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lill-President u lill-Membri preżenti f'isem it-tim kollu tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar u wiegħed li, flimkien ma' sħabu l-istaff, se jkomplu jaħdmu sabiex jiżguraw li l-Kunsill Reġjonali jilħaq l-objettivi u l-miri tiegħu.

**- Rapporti tal-progress tal-maniġers reġjonali;**

14.8.10 Il-President ressaq ir-rapporti tal-progress tal-maniġers reġjonali għall-aħħar kwart tas-sena li ntbagħtu minn qabel lill-Membri u għaldaqstant ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Hu ta spjega tagħhom u faħħar il-ħidma tat-tim maniġerjali li qed ikun strumentali sabiex il-

Kunsill Reġjonali ikompli jikseb aktar riżultati tajbin u jesplora opportunitajiet ġodda. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

14.8.11 Il-Membri preżenti approvaw ir-rapporti tal-progress tal-maniġers reġjonali b'mod unanimu.

## 14.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

14.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19.12 u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 16 ta' Frar 2023 fil-5.30 pm.

Konfermati llum ______________________.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | Philip Carabott |
| President | Segretarju Eżekuttiv |